## Dawra bid-dgħajsa filgħaxija

**Il-Ħamis 3 ta' Lulju**

Nitilqu minn ħdejn il-knisja fis-7.00p.m.

Nieklu fuq id-dgħajsa.




## Ħinijiet tal-Quddies u tal-Uffiċċju Parrokkjali

**Ħinijiet tal-Quddies**
*Mit-Tnejn sas-Sibt:* 7.00a.m., 8.30a.m., 6.00p.m.
*Il-Ħadd:* 7.00a.m., 8.30a.m., 10.00a.m., 6.00p.m.

**Tixtieq tqerr?**
Idħol fis-sagristija qabel jew wara l-quddiesa.

***Ħinijiet tal-Uffiċċju Parrokkjali:***
*It-Tnejn u l-Erbgħa:*
4.30p.m. – 5.30p.m.
*Is-Sibt:* 9.30a.m. – 11.00a.m.
*Tel:* 21 448 026 / 27 448 026
*E-mail:* parrocca.b'kara.sm@maltadiocese.org

*Disinn u Stampar: Veritas Press, Żabbar. Tel: 21 822 270*





ímsíebaħ
PARROĊĊA SANTA MARIJA - BIRKIRKARA
Lulju 2014

## Il-Kelma tal-Kappillan

Beda s-sajf u s-sħana bdiet ukoll. F'dawn il-jiem, s-sħana qisu taqtgħalna qalbna aktar malajr mis-soltu. Fis-sajf irridu "break". Dan il-"break", xi kultant, neħduh anke fil-prattika tal-ħajja nisranija tagħna. Jista jiġri li fis-sajf nintelqu anke fl-affarijiet ta' Alla.

Fis-sajf, xi wħud ma jattendux għall-Quddiesa tal-Ħadd għax jgħidu li ma jifilħux għas-sħana li jkun hemm fil-knisja. Xi wħud oħrajn, is-Sibt filgħaxija jibqgħu barra sa tard bil-lejl u l-għada jqumu tard u ma jkollhomx ħin għal Quddiesa.

Fis-sajf, ħafna minna jkollna żmien ta' vaganzi: insiefru jew immorru f'xi post ħdejn il-baħar biex ninsew ftit ix-xogħol u l-impenji l-oħra. Dan huwa tajjeb; imma xi wħud, fi żmien il-vaganzi, jinsew anke lil Alla.

Għalina l-insara, il-Quddiesa tal-Ħadd tibqa' dejjem laqgħa importanti ħafna: il-laqgħa tagħna ma' Ġesù u ma' xulxin. Il-Quddiesa tal-Ħadd hija l-laqgħa tagħna lkoll li nemmnu f'Ġesù biex niċċelebraw il-qawmien ta' Ġesù mill-mewt u l-ħajja ġdida li tana Ġesù. Dan nagħmluh permezz tas-smigħ tal-Kelma ta' Alla u bit-Tqarbin.

Għal ħafna minna, il-Quddiesa tal-Ħadd hija l-uniku kuntatt mal-Kelma ta' Alla u mal-Ewkaristija. Meta xi ħadd ma jattendix għall-quddiesa tal-Ħadd għal darba, tnejn jew iżjed, ikunu għaddew ġimgħat sħaħ mingħajr kuntatt ma' Ġesù preżenti fil-Kelma tiegħu u fl-Ewkaristija.

Hija ħasra li, filwaqt li Ġesù jħobbna ħafna, aħna nwarrbuh mal-iċken diffikultà li niltaqgħu magħha jew insibu ħafna skużi biex ma mmorrux għall-Quddiesa. Hija ħasra li fi tmiem is-sajf tisma' tfal jgħidulek li matul is-sajf ma jkun ġew qatt il-knisja.

Ejjew ma nħallux is-sajf ibegħedna minn Ġesù. Nappella lill-ġenituri kollha biex, matul is-sajf, mhux biss huma jattendu għall-Quddiesa tal-Ħadd, imma jaraw ukoll li wliedhom tfal u żgħażagħ jibqgħu qrib ta' Ġesù permezz tal-quddiesa.

Il-ġenituri għandhom iħajru lil uliedhom, li fis-sajf ma jkollhomx skola u studju, anke għall-Quddiesa ta' kuljum. Il-Quddiesa ta' kuljum tagħti sens ġdid lill-ħajja tagħna.

***Fr Lino***

# Djarju - Lulju 2014

| | |
|---|---|
| **Il-Ġimgħa 4** | L-ewwel Ġimgħa tax-xahar u Solennità tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Ġesù Ewkaristija jkun espost għall-adorazzjoni u t-talb tagħna mill-4.00p.m. sas-6.15p.m. Bejn il-5.15pm u s-6.15pm ikollna adorazzjoni mmexxija mill-Grupp tal-Ħniena Divina. Il-Quddiesa ta' filgħaxija tkun fis-6.30. Ikun tajjeb ħafna li llum nieħdu sehem fiċ-¬elebrazzjoni tal-Quddiesa u fl-Adorazzjoni ta' Ġesù Ewkaristija. |
| **Il-Ħadd 6** | L-14 -il Ħadd taż-Żmien Matul is-Sena A: Ġesù jinfexx f'innu ta' tifħir lil Alla Missieru talli għoġbu jgħarraf il-kelma tiegħu liċ-ċkejknin. Ġesù jistieden lil dawk li huma mtaqqlin biex jintelqu f'idejh u minnu jitgħallmu l-imħabba u l-maħfra. |
| **Il-Ħamis 10** | Wara l-quddiesa tas-6.00p.m. ikollna ħin ta' adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija u fl-aħħar tingħata l-Barka Sagramentali. |
| **Il-Ħadd 13** | Il-15 -il Ħadd taż-Żmien Matul is-Sena A: Il-Kelma ta' Alla tagħmel frott f'kull bniedem daqs kemm kull wieħed jilqagħha bil-qalb u jfassal ħajtu fuqha. |
| **L-Erbgħa 16** | Festa tal-Imqaddsa Verġni Marija tal-Għolja tal-Karmelu. Ikun tajjeb ħafna li llum nieħdu sehem fiċ-Ċelebrazzjoni tal-Quddiesa. |
| **Il-Ħamis 17** | Wara l-quddiesa tas-6.00p.m. ikollna ħin ta' adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija u fl-aħħar tingħata l-Barka Sagramentali. |
| **Il-Ħadd 20** | Is-16 -il Ħadd taż-Żmien Matul is-Sena A: Minkejja l-ħażen li jeżisti fostna u fina, is-Saltna ta' Alla tikber fis-skiet u tinfirex ma' kullimkien. Id-dixxipli ta' Ġesù għandhom iġibu ruħhom bħal ħmira: bil-ħajja tajba tagħhom iressqu lejn Alla lill-bnedmin ta' madwarhom. |
| **Il-Ħamis 24** | Wara l-quddiesa tas-6.00p.m. ikollna ħin ta' adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija u fl-aħħar tingħata l-Barka Sagramentali. |
| **Il-Ħadd 27** | Is-17 -il Ħadd taż-Żmien Matul is-Sena A: Is-Saltna ta' Alla, li Ġesù jixtieq ħafna jara fostna, għandha tkun għalina l-aktar ħaġa importanti u li għaliha għandna nkunu lesti li nagħmlu kull sagrifiċċju. |





## Mill-Ħajja tal-Parroċċa matul ix-xhur ta' April u Mejju 2014

*Ingħaqdu mal-Komunità Nisranija permezz tal-Magħmudija:*
Mason-Matthias Fenech Lautier
Jayden Bartolo
Luca Micallef
Gabriel Christian Bartolo

*Ingħaqdu Flimkien fi Żwieġ Nisrani:*
Dean Micallef u Angela Cassar
David-Paul Mifsud u Elaine Buhagiar
Eric Santucci u Maria Tanti
Ramon Ciantar u Antonella Pace
Johann Mifsud u Maria Christina Peresso
Clayton Cuschieri u Amanda Abela
Saviour Matthew Magro u Bernice Sant
Frankie Zahra u Rachel Sammut
Christian Pace u Nadine Borg
Josef Ageli u Lionella Grech
John Wirth u Davinia Mifsud
Andrea Mangion u Lucia Conti
Daniel Aquilina u Martina Falzon

*Ingħaqdu mal-Mulej fis-Sema:*
Elena Mintoff
Maria Theresa Gravina
Lorenza Mallia
John Rodgers

**Nitlobu lill-Mulej għalihom ilkoll.**

### Talba għall-Familja

Mulej Alla tagħna, f'idejk nafdaw l-imħabba, il-fedeltà u l-għaqda tal-familji kollha Maltin u Għawdxin. Ħa tkun it-Trinità, li hi komunità magħquda – Tliet Persuni, Alla Wieħed – il-mudell ewlieni, li jagħti sens u saħħa lill-familji tagħna.

Żommna magħqudin fik, għax meta nkunu tnejn jew tlieta miġburin f'ismek, int tkun f'nofsna. Għinna nikkuraw u ntejbu r-relazzjonijiet ta' bejnietna, speċjalment billi jkollna relazzjoni ħajja u sinċiera miegħek. Kabbar fina spirtu ta' mogħdrija u ħlewwa ma' xulxin. Kun il-faraġ ta' familji bi problemi ta' mewt, saħħa, xogħol, solitudni, fedeltà u fidi.

Qanqal fil-komunitajiet insara iżjed persuni li jaħdmu b'risq il-ġid sħiħ tal-familji tagħna. Dawwal liċ-ċittadini u lill-awtoritajiet biex jagħmlu l-aħjar għażliet fil-qasam tal-familja. Dawwal lin-nies tal-media biex joħolqu klima li tgħin l-għaqda fiż-żwieġ.

Bierek lil dawk li qed iħejju biex jibdew familja ġdida, ħalli jidħlu għal dil-vokazzjoni qaddisa b'impenn, kuraġġ u entużjażmu. Ħa tkun il-Familja Mqaddsa, bħat-Trinità, l-ispirazzjoni l-kbira tal-familji tagħna, anke fit-tielet millenju. Mulej Alla tagħna berikna u qaddisna. Ammen.

**Fis-sajf Ġesù jibqa' jistedinna għall-Ewkaristija.**
**Matul is-sajf ma ninqatgħux mill-Quddiesa tal-Ħadd.**

Inkunu fil-ħin u nipparteċipaw fit-talb bil-qalb.
Immorru libsin kif jixraq lid-Dar ta' Alla.